MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Numru. 6/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Martin Sammut)**

**v**

**Sally Ann Sacco ta‘ 30 sena bin Nazzareno Abela u Maria Stella nee Bonnici mwielda Melbourne, Awstralja fit-12 ta‘ Dicembru, 1972, u residenti**
**Thomas Town, 37, Triq Guze Borg, San Gwann detentur tal-karta tal-identita‘ bin-numru 289888(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Sally Ann Sacco li giet akkuzata talli nhar il-15 ta‘ Ottubru, 2003 fit-Triq l-Iskola u fil-vicinanzi San Gwann ikkommettiet hsara volontarja fuq il-genb tal-vettura Isuzu Trooper, bin-numru

tar-registrazzjoni ANT-303 ghad-dannu ta‘ Anthony Sacco u Joseph Sacco, miz-Zurrieq liema hsara ma teccedix il-Lm 500 u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

U talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi ikkagunat griehi hfief fuq il-persuna ta‘ Anthony Sacco miz-Zurrieq kif iccertifika Dr Attard Montaldo tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira u dan bi ksur tal-artikolu 221(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

U talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi hebbet ghall-istess Anthony Sacco miz-Zurrieq sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmel hsara lil Anthony Sacco u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

U talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi kisret volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied u dan bi ksur ta‘ artikolu 338(dd), tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

Rat li l-istess Sacco wiegbet li ma kinitx hatja ta‘ tali akkuzi u li in oltre ma kellha ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji (folio 5).

Rat f’dan ir-rigward il-kunsens tal-Avukat Generali (fol 4).

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet it-trattazzjonijiet:

Ikkonsidrat

Illi mix-xhieda ta‘ Joseph Sacco u mill-log book esebit jirrizulta illi l-vettura danneggjata hija registrata fuqu. Xehed l-istess Joseph Sacco li ma kienx cert fuq id-danni sofferti u li in oltre minn dawn il-proceduri hu ma ried xejn (fol 48). Anzi Sacco Joseph iddikjara li huwa ma sofra ebda hsara jew dannu pekunjarju.

Anthony Sacco, iben Joseph u zewg l-akkuzat aktar tard fil-mori tal-kawza ddikjara li l-vettura in kwistjoni kienet tappartjeni lilu u li kien qieghed jirtira l-kwerela minnu maghmula.

Mela in kwantu l-provi prodotti fil-konfront ta‘ l-ewwel akkuza fejn jirrigwarda lil Joseph Sacco, in vista tad-dikjarazzjoni minnu maghmula, bl-applikazzjoni tal-artikolu 331 tal-Kapitlu 9 qed jigi dikjarat il-procediment ezawrit.

Fir-rigward tad-danni li saru fuq Anthony Sacco kif gia nghad dana rtira l-kwerela tieghu u ghalhekk it-tieni u t-tielet akkuza wkoll gew ezawriti. Fil-konfront ta‘ l-ewwel akkuza in kwantu din tinkwadra fl-artikolu 325(b) ma timxix bil-kwerela, pero‘ tenut kont li procediment ghal griehi sofferti gie rinunzjat ghaldaqstant bl-applikazzjoni in verso tal-artikolu 331 tal-Kapitlu 9 lanqas din l-ewwel akkuza ma hija prosegwibbli.

Dwar l-ahhar akkuza kontravenzjonali, esebita s-sentenza ta‘ l-appell moghtija kontra l-parte leza Anthony Sacco, din il-Qorti ghandha dubju serju min verament ikkaguna dan il-ksur tal-ordni pubbliku u qeghda ghaldaqstant tillibera lil Sally Ann Sacco minn din l-akkuza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------